MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Talba Numru. 1036/2006

**Talba Nru: 1036/06PBC**

**Practical Trading Company Limited**
**C12898**

**Vs**

**Carmelo Mangion**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u disghin lira Maltin (Lm890) rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rapprezentanti prezz ta' frigg u kwantu ghas-somma ta' tlett mija u disghin lira Maltin

(Lm390) rapprezentanti kera ghall-istess bi hmistax il-lira Maltin (Lm15) fix-xahar minn Settembru 2004.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-Nota pprezentata fit-13 ta’ Marzu, 2007 li biha s-socjeta’ attrici cediet it-talba ghall-kumpens u zammet ferm fir-rigward tat-talba ghall-hlas tas-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) prezz tal-frigg mertu tal-kawza u l-ispejjez u l-interessi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------